**2 ta' April, 1960**

**Imħallef:—**

**Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Angelo Gialanzè

**Provokazzjoni.**

*Tista' tirrikorri l-provokazzjoni favur l-imputat, konsistenti fil-kredenza soġġettiva tiegħu, billi jista' jkun hemm każijiet eċċezzjonali li fihom l-imputat ikollu raġunijiet gravi biex jirritjeni li jkun sar xi fatt provokatur għad-dannu tiegħu, u li hu għalhekk ikun intitolat għall-iskużanti. Imma biex jista' jkun kunsidrat il-punt tal-iskuża, jeħtieġ li jiġu pruvati l-fatti mill-imputat allegati bħala bażi tal-iskużanti.*

*Apparti dan, rekwiżit indispensabbli għal din l-iskużanti hi l-immedjatezza ta' passjoni istantanea; għax, apparti konsiderazzjonijiet oħra, jkun jonqos il-fatt kollegatur tal-mument mal-inċident li fuqu hi bażata l-provokazzjoni.*

Il-Qorti:— Rat l-atti kompilati kontra Angelo Gialanzè quddiem il-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta bħala Qorti Istruttorja, fuq l-imputazzjoni talli f'Marsaskala, fl-20 ta' Diċembru 1959, għall-ħabta tat-8.15 p.m, volontarjament, bi strument li jaqta' ikkaġuna ferita ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Gerald Psaila, u barra minn dan heddu serjament;

Rat in-nota tal-Attorney General tal-21 ta' Jannar 1960, li biha l-imsemmija attijiet ġew mibgħuta lura lill-istess Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, ħalli l-istess tiddeċidi dwar ħtijiet ta' kompetenza tagħha taħt dak li hemm maħsub (a) fl-art. 352(bb) tal-Kodiċi Kriminali, (b) fl-art. 235(2) u 537(d) tal-Kodiċi Kriminali, u fil-Govt. Not. nru. 337/1940;

Rat is-sentenza tal-Qorti l-aħħar imsemmija tal-5 ta' Frar 1960, li biha sabet lill-imsemmi Angelo Gialanzè ħati (1) talli volontarjament kiser il-bon ordni u l-kwiet tal-

publiku bl-għajjat u bil-ġlied, (2) u talli volontarjament ikkaġuna feriti ta' natura ħafifa b'arma taljenti fuq il-persuna ta' Geraldu Psaila, b'dan li l-ewwel reat jinsab assorbit fit-tieni; u kkundannatu għall-piena tal-priġunerija għal żmien tliet xhur;

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella mis-sentenza fuq imsemmija, u talab li tiġi revokata u li hu jiġi liberat;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Għalkemm l-appell, mit-termini tar-rikors, jidher devoluttiv tal-meritu "in toto", fil-verità, però, hu limitat għal *żewġ punti*, *ċjoè (1) li ma jirriżultax li* l-appellant *uża arma*, u (2) li hu nitolat għad-diminwenti tal-provokazzjoni; anzi, fid-dibattitu orali d-difensur illimita ruħu għall-punt tal-provokazzjoni biss;

Kwantu għall-użu tal-arma, dan jirriżulta mill-ammissjoni tal-istess *imputat*......;

Kwantu għall-iskużanti nvokata mid-difiża, l-appellant, sabiex jirradika din il-minoranti, jallega li jumejn qabel l-inċident martu kienet qaltlu li xi sentejn qabel Psaila pprova jieħu kunfidenza magħha, u li dak inhar tal-inċident stess filgħodu, għal xi l-ħdax, Psaila kien iltaqa' mal-appellant, waqqaf ir-rota, u għal darbtejn qallu "Trid tgħid xi ħaġa?", u li fil-għaxija, għal xi t-tmienja, x'ħin mar fil-ħanut Psaila kien ħares lejh u qal "Hawn huma l-bulijiet, aħna ma għadniex irġiel, għamluna tfal", u li dak il-ħin l-appellant ftakar x'kienet qaltlu martu u tah xi erbgħa daqqiet ta' ponn;

Issa, kieku dawn il-fatti kienu pruvati, allura kien ikun talvolta l-każ li l-ġudikant jeżamina jekk *tirrikorrix* fil-każ il-provokazzjoni, konsistenti fil-kredenza soġġettiva tal-imputat; għaliex, kif ġie ritenut (ara App. Krim. "Pul. vs. Angelo Scicluna", 19.X.1957), jista' jkun hemm każijiet eċċezzjonali li fihom l-imputat ikollu raġunijiet gravi biex

jirritjeni li jkun sar xi fatt provokatur għad-dannu tiegħu, u li hu jkun għalhekk intitolat għall-iskużanti, dejjem fiċ-ċirkustanzi kongruwi, għat-tenur tas-sentenza ċitata, bażata fuq id-dottrina hemm ċitata. Kien ikun allura l-każ li l-ġudikant jeżamina wkoll jekk l-iskużanti għandhiex tkun limitata biss għall-konfessjoni mill-mara miżżewġa lill-żewġha ta' adulterju, u ma tkunx estiża anki għall-konfessjoni ta' tentattiv mit-terz ta' familjarità sesswali magħha — kwistjoni li tirrikjama l-oħra li fil-Qrati Ngliżi ġiet riżoluta fis-sens li, għad li l-"confession of adultery" tammonta għal provokazzjoni, ma hijiex però tali lanqas "a mere suspicion that she has committed adultery" (ara Harris & Wilshere, Crim. Law p. 201 u nota in kalċe). Kien ikollu anki jiġi eżaminat jekk "in criminalibus" tistax tiġi adottata, għall-ħtiġijiet tal-immedjatezza tar-reazzjoni, in-norma tal-liġi ċivili li inġurja "reċenti" tista' tirrikjama dawk antiki, u dan in vista tal-fatt li fil-każ in ispeċje l-appellant qed jippretendi li d-dikjarazzjoni ta' martu jumejn qabel l-inċident kienet tirriferixxi għall-fatt abużiv ta' Psaila sentejn ilu, u li dik id-dikjarazzjoni ġiet minnu rikjamata bil-preteża nġurja fil-waqt stess tal-inċident;

Iżda l-appellant ma ppruvax il-fatti minnu allegati bħala bażi tal-iskuża. Ix-xhieda tiegħu hi reċiżament kontraddetta f'partijiet postanzjali tagħha. Kwantu għall-fatt tal-mument, ħadd mix-xhieda estranej, pjuttost numerużi li kienu fil-ħanut, ma jsemmu menomament li Psaila qal il-kliem fuq imsemmija li l-appellant jallega li dak qal għall-indirizz tiegħu...... Kwantu għall-inċident ta' filgħodu fil-ħdax, dan irriferieh biss l-appellant, u x-xhieda tiegħu ma timmeritax kredenza......;

Eliminati dawn il-fatturi, il-konsegwenza tkun li l-kliem li qaltlu martu (jekk dwar daqshekk xeħdu sewwa hu u martu), peress li ntqalu jumejn qabel, ma jistgħux jissoddisfaw għar-rekwiżit indispensabbli tal-immedjata influwenza ta' passjoni istantanea; għax, apparti konsiderazzjonijiet oħra, ikun jonqos il-fatt kollegatur tal-mument mal-inċident;

Del resto, dak li jittrapela mill-kumpless tal-provi hu li l-appellant, li, "giudicando" mill-fedina penali tiegħu fol.

10, hu pjuttost ta' indoli refrattarja u aggressiva... aktarx fuq u *minħabba* l-kliem ta' martu, iddeċieda li jivvendika ruħu, u jumejn wara mar ifittex l-inkwiet hu stess, u forsi anki pprepara t-terren, billi fil-għodu mar il-ħanut u nforma lil tal-ħanut, "gratis et amore", li Psaila kien beda jinsultah, u fil-għaxija mbgħad reġa mar, armat b'sikkina. Mentri hu liġi li l-provokazzjoni ma tingħatax meta hemm l-intenzioni formata minn qabel, u meta l-imputat ikun fittex il-provokazzjoni (ara art. 241 (c) u 243 (c) Kap. 12);

Għalhekk din il-Qorti tiddeċidi billi tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.